# LIL ROSARIO BRIFFA

## IL-BOGĦOD MINN MALTA

*Werqa plejju lil Dun Karm.*

Rajtek, poeta, dak il-lejl titbiegħed
Bil-lajma l-lajma mix-xtajtiet sbieħ tagħna,
Rajtek tittawwal u darb'oħra tħares
Fuq Malta tiegħek ġo l-idwal ferħana.

Rajtek, u l-mewġa dak il-ħin daqqitli
Il-għanja ħelwa illi nsiġt f'żgħużitek,
Sew sew kif smajtha l-ewwel darba waħdi
Mis-seħer kawwi illi għandek f'idek.

U ż-żiffa tfewwaħ bl-oħla bews tal-ħxejjex,
Tennietli l-karba tal-qlub żgħar Maltija,
Li fik tilfu l-għażiż tfajjel poeta
Li kxift ta' qlubhom id-drawwiet moħbija.

Imbagħ'd xejn aktar, għax id-dlam rebaħni
U biss bqajt nara l-ilmijiet sewdiena;
Ħassejt bħal ġamra q'ed tintefa f'qalbi,
Ilħna ma' dwari ta' tnehid u ħniena.

L-għala, poeta, l-għala tlaqt hekk bikri?
F'sedqet il-ħajja kollok tama w saħħa,
Ħallejt lil Malta bi tfajliet u ż-żgħażagħ
Tormol mill-ħarsa tal-poeta tagħha.

Tfewwaħ ma' dwarna tar-rebbiegħa l-fewġa,
Ħajr iż-żgħużija, mnejn kull qalb tistagħna,
Tmewweġ l-egħlieqi ma' tar-riħ kull mewġa:
Inti fejn int, fejn int, poeta tagħna?

Inti fejn inti? Ma tismax elf għajta,
Ġejja mas-sirda f'dika l-art imbiegħda
Tfakkrek fis-sbejħa fost is-sbieħ art ċkejkna
Fejn ta' żgħużitek kollha l-ġrajja qiegħda?

Ejja darb'oħra, u darb'oħra ħeġġeġ
Liż-żgħażagħ tagħna, wild diċ-ċkejkna gżira:
Qajjem ġo qlubhom nar qadim u mbierek
Li qatt ma ħamel dina l-art ilsira.

Tassew li qalbek għada fostna tgħanni
Fil-versi msaħħra illi ktibt għalina;
Imm'aħna rridu li ngħożżuk ma' ġenbna,
La darba int tagħna f'dik il-pinna rżina.

Iva int għad tiġi, dak il-jum iżernaq
U miegħu nitma li s-smewwiet inewwel
Li fih int tara kollha mseħħa l-ħolma
Li int, poeta, ħlomt u xtaqt mil-lewwel.

Għawdex

**Giorgio Pisani**